

Brussell, 18 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13376/22

CES 31

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Mejju 2022, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Patricia CÍREZ MIQUELEIZ, membru tal-KESE¹.
2. Permezz ta' ittra datata 19 ta' Settembru 2022, il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sa Isabel YGLESIAS JULIÀ, *Jefa de Asuntos de la Unión Europea y delegada en la Unión Europea de la CEOE (Confederación Española de Organizaciones Empresariales)* (Kap tal-Affarijiet tal-UE u Delegat għall-UE tas-CEOE (Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju)), għall-ħatra bħala membru tal-KESE għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2025².
3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-Kumitat wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

¹ 12845/22.

² 12893/22.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fit-12 ta' Ottubru 2022 u tat opinjoni favorevoli fl-10 ta' Novembru 2022³.
 5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13378/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-

³ C(2022) 7907.